# Mro Antonio Darmanin

(15.ii.1890 [Korfù] – 2.viii.1970 [Il-Belt Valletta])

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu tiegħi ta' sentejn ilu (pp. 105-114) kont laqqajtkom mas-surmast Giuseppe Darmanin (1918 – 2006) fl-okkażjoni t'għeluq il-mitt sena minn twelidu fejn tajna ħarsa twila lejn ħajtu u ħidmietu, kif ukoll lejn ix-xogħlijiet bandistiċi tiegħu. Dis-sena wkoll, l-innu l-kbir tiegħu dedikat 'l-Madonna tal-Ġilju kompost apposta għall-Banda Ġiljana Mqabbija jagħlaq 70 sena minn mindu ndaqq għall-ewwel darba fl-20 ta' Mejju 1950. Għal dis-sena ħsibt li jkun tassew xieraq jekk nitkellem fuq missieru Antonio peress li kien ukoll surmast tal-Banda Stella Maris bejn l-1929-38, u li dis-sena qegħdin proprju niċċelebraw għeluq il-50 sena minn mewtu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu l-immortali innu-marċ popolari *Lil Marija Santissima u l-Ulied ta' Stella Maris*; versi ta' Mons. Rafel Capurro, Senglean.

Kliem muftieħ: Sliema, Stella Maris, Mro Antonio Darmanin, Mons. Rafel Capurro, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'Stella Maris' (Sliema)




Profil bijografiku: Mro Antonio Darmanin twieled f'Korfù, il-Greċja minn Spiridione Darmanin (imwieled iż-Żurrieq 1831c.) u Felicita Zammit (imwielda f'Korfù fl-1850). Fil-bidu tas-seklu li għadda l-familja Darmanin iddeċidiet li tiġi tgħix għalkollox f'Malta. Skont Naudi[1], t'14-il sena Antonio mar joqgħod Tas-Sliema u ingaġġa ruħu mal-Artillerija Rjali ta' Malta (R.A.[Malta]) bħala Boy fil-Banda tar-Riġment bil-Baxx in Mi*b*, fejn fi żmien qasir sar bandist magħruf u wieħed mill-ewlenin li qatt rat Malta. U għad li minn twelidu kellu ġibda lejn il-mużika, kien biss hawn Malta li hu kompla jistudja taħt Mro Vincenzo Costa, aktarx fit-teorija.

Kif se naraw, fis-snin għoxrin u l-ewwel nofs tat-30ijiet tas-seklu l-ieħor, Mro Darmanin laħaq surmast t'għadd ta' baned Maltin. Waqt li kien fl-armata tant għamel progress mużikali, li fl-1920 ġie promoss għal Drum Major, u beda jmexxi 'l-istess banda f'ħafna ċerimonji u parati f'okkażjonijiet irjali, fosthom fil-funeral tal-Gvernatur Congrave fl-4 ta' Marzu, 1927. Hu żamm dil-kariga sakemm irtira mill-armata fl-1936. Antonio kien miżżewweġ lil Emanuela Gruppetta, Slimiża[2], u kellhom tifel wieħed, Joseph (29.iv.1918 [il-Belt Valletta] – 23.ix.2006 [l-Awstralja]), li wkoll mexa fuq il-passi ta' missieru, u eventwalment laħaq surmast tal-Banda 'Stella Maris' bejn l-1945 u l-1964, meta mbagħad emigra bil-familja tiegħu b'kollox lejn il-kontinent Awstraljan.

**Soċjetà Filarmonika 'Sliema', Tas-Sliema** (1923): Mis-seduta ġenerali tal-10 ta' Mejju, 1923[3] jirriżulta li kien hemm xi bandisti, appoġġjati minn Mro Darmanin, li xtaqu jwaqqfu banda, u għarrfu 'l-membri b'dal-ħsieb. Sa dak iż-żmien, jiġifieri fl-1923, Mro Darmanin kien għadu ma laħaqx surmast tal-Banda 'Stella Maris', imwaqqfa fl-1914. Nhar l-10 ta' Ġunju, 1923, dit-tieni Banda Slimiża daqqet għall-ewwel darba f'beltha fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, taħt id-direzzjoni

[1] 'Banda 'Stella Maris' Mitt Sena ta' Storja: 1914-2014' (Herbert Naudi, 2014), p. 87.
[2] Skont ċertu Dr. Charles Farrugia, fl-artiklu tiegħu 'L-Innu lill-Madonna tal-Ġilju Mniedi Ħamsin Sena Ilu', li kien deher fil-programm tal-festa tas-Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Ġilju' tal-Imqabba (1999), jgħid li martu kienet Żabbarija.
[3] 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', Vol. 3 (PIN, 1997), p. 243.

tiegħu. Fil-programm ta' dakinhar, fost xogħlijiet oħra, indaqq id-*Duetto melodico Pio X* mill-pinna tiegħu stess, u s-sinfonia *Ogni Principio è Forte*[4] ta' Mro Antonio Miruzzi (10.iii.1867 – 23.x.1944). U ġimgħa wara ħadet sehem ukoll għall-ewwel darba fil-festa titulari tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. L-istess banda daqqet għall-ewwel darba barra minn pajjiżha waqt il-fiera li saret fil-ġonna tal-Argotti, il-Furjana, fl-24 tal-istess xahar. Il-programm kien taħt id-direzzjoni ta' Mro Darmanin, filwaqt li l-fiera kienet organizzata mis-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali *La Valette*. Mro Darmanin ma setax dam wisq f'dil-kariga ma' dil-banda peress li f'dik l-istess sena nsibu lil Mro Francesco Xuereb bħala t-tieni surmast, li min-naħa tiegħu dam imexxiha sal-1927. Jidher li dil-bidla kienet tikkoinċidi mas-seduta ġenerali li nżammet fit-12 ta' Novembru, fejn ittieħdet id-deċiżjoni li isem iċ-Ċirkolu jinbidel minn *Circolo Nostra Signora* għal *Società Filarmonica Sliema*. Għadaqstant, dan ifisser li Mro Darmanin dam fit-treġija tagħha għal madwar sitt xhur biss.



Mro Antonio Darmanin

**Għaqda Melita Banda San Ġużepp, l-Imsida** (1928 – 34): Lil Mro Darmanin insibuh jilħaq ir-raba' surmast tal-banda Ġużeppini Misidjana fl-età ta' 38 sena, wara li min-naħa tal-Kumitat kienet inħarġet sejħa għal surmast ġdid; il-banda għamlet xhur sħaħ mingħajr wieħed. Is-surmast ta' qablu, Mro Antonio Micallef kien spiċċa minn magħha fit-30 ta' Settembru 1927, filwaqt li Mro Darmanin laħaq minfloku wara li nħatar mill-kumitat f'laqgħa tas-26 ta' Mejju 1928; min-naħa tiegħu kien qagħad fuq il-parari li tawh il-bandisti tal-post f'laqgħa li kienu għamlu fil-jum ta' qabel. Ta' interess partikolari hu l-fatt, li għal dis-sejħa kienu wieġbu wħud mill-aqwa surmastrijiet ta' dak iż-żmien: Nikola Montebello, Antonio Zammit, Joseph Zerafa (Misidjan), Luigi Vella, u Carm. Mallia. B'mod indipendenti, Mro Giovanni Vella u dak tal-banda 'San Gejtanu' tal-Ħamrun ukoll kienu wrew ix-xewqa li jilħqu f'dil-kariga.

Minn daqshekk, it-tagħrif li jagħtina Dun Joe Calleja[5] hu dettaljat kemm jista' jkun, iżda sfortunatament ma jtina l-ebda tagħrif aktar dwar ħidmet Mro Darmanin kemm dam surmast magħha sal-bidu tas-sena 1934, meta mbagħad inqalgħu xi diffikultajiet li aħna ma nafux bid-dettalji tagħhom. Mingħand dal-awtur insiru nafu biss, li l-bandisti tal-post, f'votazzjoni sigrieta tad-19 t'April 1934, xtaqu jaħtru minn wara dahar Mro Darmanin lis-Sur Ġużeppi Zerafa bħala surmast il-ġdid tagħhom, u kien għalhekk inutli għall-kumitat li jipprova jilħaq xi forma ta' ftehim ma' Darmanin, għax min-naħa tiegħu kien ġa rrifjuta li jidher quddiemu wara li sar jaf b'dil-mossa kerha. Calleja ma jtinix lanqas tagħrif dwar xi programmi importanti li bilfors saru taħtu jew xi xogħlijiet li forsi seta' kiteb proprju għal dil-banda, bħal ngħidu aħna marċi u/jew innijiet.

**Soċjetà Filarmonika 'Stella Maris', Tas-Sliema** (1929 – 38): Mro Darmanin intgħażel bħala t-tielet surmast ta' dil-banda Slimiża wara Mro Giuseppe Camilleri f'seduta ġenerali li nżammet fis-27 ta' Diċembru, 1928. B'hekk nistgħu ngħidu li hu beda bil-ħidma tiegħu mis-sena 1929 'il quddiem; kariga li baqa' jokkupaha sat-18 ta' Marzu 1938, meta mbagħad laħaq minfloku s-surmast Anton Muscat Azzopardi. Jingħad li, fiż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija, in-numru bejn bandisti tal-post u allievi kien ilaħħaq 'il fuq minn mitt ruħ. Għaldaqstant, biex tissolva l-




[4] Ta' min jgħid hawnhekk, li dis-sinfonia kienet iżżanznet waqt il-programm tat-30 ta' Diċembru 1906 meta l-Banda Lijana ġiet inawgurata. Għal xi żmien, das-surmast kellu f'idejh il-banda Slimiża *I Cavalieri di Malta* lejn l-aħħar tas-seklu 19. Seta' kien hemm forsi ukoll xi forma ta' konnessjoni bejn iż-żewġ surmastrijiet Miruzzi u Darmanin fi żmien it-twaqqif tal-Banda Lijana, kif jaċċenna Naudi fil-ktieb tiegħu.

[5] 'L-Imsida: Il-Bieraħ u Llum' (Veritas Press, 1990), it-tieni volum, pp. 138-9.

problema ta' nuqqas ta' strumenti fl-idejn, fuq inizjattiva personali ta' Mro Darmanin, u flimkien mal-kumitat, ġie deċiż li tinxtara strumentatura ġdida. Dawn waslu fl-1933, u b'kollox inxtraw 51 wieħed ġodda fjamanti, bl-ewwel programm isir bihom fis-16 t'April, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tat-Teatru Orpheum[6] ġewwa l-Gżira. Bħala rikonoxximent ta' dil-ħidma kollha, il-kummissjoni banda kienet tagħtu ċurkett tad-deheb.



Mons. Rafel Capurro

Fil-ktieb tiegħu, Naudi jsemmi tal-anqas tliet ġrajjiet importanti li seħħew fi żmien Mro Darmanin, u li fihom il-banda ħadet sehem sħiħ taħt il-bakketta tiegħu: (a) fl-1930, il-banda 'Stella Maris' daqqet diversi marċijiet u wettqet programm mużikali fil-Festi Ċinkwantenarji tal-Parroċċa, 1878 – 1928, li nżammew sentejn wara d-data stipulata. Għal dil-okkażjoni speċjali, Mro Darmanin ikkompona l-Innu-marċ tant popolari, *Lil Marija Santissima u l-Ulied ta' Stella Maris*, b'versi ta' Mons. Rafel Capurro (1880 – 28.vi.1966). Dal-innu, li ndaqq għall-ewwel darba propju f'lejlet il-festa, fih sitt strofi bil-vers senarju u rima abba. L-istrofi kollha jibdew l-istess billi l-poeta jindirizza 'l-Madonna bħala 'Kewkba' tal-Baħar jew tas-Saħħa, qawwija, tal-Knisja jew tas-Sema. L-ewwel u l-aħħar strofa huma l-istess. (Id-differenza bejn innu popolari u innu-marċ qiegħda, li fl-ewwel każ, l-istrofi jitgħannew kollha fuq l-istess melodija, filwaqt fit-tieni wieħed, dawn jitqassmu skont it-tifsila ta' marċ, bl-aħħar tnejn ikunu fit-triju); (b) fit-8 ta' Mejju, 1935, fl-okkażjoni tal-festa tal-ġublew tar-Re Ġorġ V, l-istess banda eżegwit programm mużikali fi Pjazza Annunzjata; (ċ) sentejn wara wettqet programm ieħor fl-istess misraħ fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni, did-darba ta' Re Ġorġ VI.




**Soċjetà Filarmonika 'San Piju X', Ħal Lija** (? – ?): Għad li Naudi[7] jsemmi li Mro Darmanin kien ukoll surmast ta' dil-banda Lijana, s'issa ma jirriżultalix li dan hu l-każ. Iżda la qegħdin fiha, tajjeb forsi ngħidu, li bi żvista, Naudi seta' tfixklu ma' surmast ieħor li jġib għall-anqas l-istess isem: Mro Antonio (Ninu) Azzopardi (29.i.1890 [Ħal Lija] – 25.xi.1944), li wkoll inzerta twieled fl-istess sena ma' Darmanin. Għadu tfal, Azzopardi tgħallem idoqq il-mandolina, iżda meta ġie biex jingħaqad mas-Soċjetà Mandolinistika Lijana, din sfaxxat. Wara xi żmien, ġabar xi żgħażagħ miegħu, u wara li għallimhom jaqraw il-mużika u jdoqqu l-mandolina, waqqaf waħda għalih.

Meta mbagħad daħal jaħdem id-dockyard tħabbeb sew ma' Wenzu Galea (8.iii.1893 – 15.vi.1970), organista u kompożitur Vittorjożan, li għenu mhux ftit biex jimxi 'l quddiem fit-tagħlim tal-mużika. Għal għaxar snin sħaħ, flgħaxijiet, Ninu tgħallem u għallem il-mużika fil-każin tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Fl-istess żmien waqqaf ukoll orkestra ċkejkna, li maż-żmien kibret fl-għadd, għaddiet 'il quddiem, u bdiet teżegwixxi bċejjeċ operistiċi. Bħala kompożitur, l-aktar li kiteb mużika sagra, fejn ingħata diversi diplomi ta' unur u ġie ddekorat kemm-il darba b'midalji u slaleb tad-deheb u tal-fidda.

Tant kienu kbar das-suċċessi, li Ninu waqaf jaħdem it-Tarzna u taha għall-mużika biss, fejn tgħallem il-pjanu u l-orgni għand Mro Carlo Diacono (1876 – 1942). Dal-istudju wasslu biex jilħaq

[6] U la qegħdin fiha, insemmu wkoll lil ċertu Feliċ Gerada (16.ix.1889 – 7.xi.1960), negozjant mill-Imsida, li meta ġie lura mill-Amerka beda negozju tal-bini fejn iddeċieda li jibni t-*Teatru Orpheum* li jinsab fi Triq Sir Patrick Stuart, il-Gżira. Id-dekorazzjonijiet bil-pasta saru mill-istatwarju Misidjan Fredu Azzopardi (17.vii.1880 – 17.i.1949), u l-pittura minn Rafel Bonnici Calì (11.vi.1907 – 6.viii.2002). L-inawgurazzjoni tiegħu wkoll saret fil-bidu tas-snin tletin tas-seklu li għadda. Ġara iżda, li wara l-Gwerra Gerada qatagħha li jbigħu bil-ħsieb li jirtira mix-xogħol.

[7] 'Banda Stella Maris: Mitt Sena ta' Storja 1914-2014' (Herbert Naudi, 2014), p. 87.

organista, u mbagħad *Maestro di Cappella* tal-parroċċa Lijana. Minbarra dan, fetaħ ukoll klassi mużikali u beda jeżegwixxi servizzi sagri fi knejjes barra minn raħlu.

Dal-artiklu qed jitwassal 'il-qarrejja Slimiżi fl-okkażjoni tal-festa ta' Stella Maris li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'beltha.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)